MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 378/2006

**Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**vs**

**Ray Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent Ray Agius fit-30 ta’ Novembru 2006 fejn talab lil din il-Qorti:

1. Illi l-esponenti gie notifikat b’ittra ufficjali tal-21 ta’ Novembru 2006 fin-numru u fl-ismijiet premessi u qed jipprezenta dan ir-rikors oppozitorju a tenur tal-procedura indikata fl-art 466 tal-Kodici ta’ Procedura Civili;

2. Illi l-esponenti Ray Agius qed jikkontesta il-pretensjoni tal-kirja ghar-raguni illi t-talba tinsab illum preskritta a tenur ta’ l-Art 2156(C) tal-Kodici Civili;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjoni ghall-hlas hija nfondata ghaliex l-esponenti ma kienx jokkupa l-fond fiz-zmien kif mitlub u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni u l-esponent jirriserva li jiccara din is-sottomissjoni fid-dawl tal-provi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha tichad u tiddikjara nfondata fil-fatt u fid-dritt il-pretensjoni ghall-kirja kif kontenuta fl-ittra ufficjali fin-numru u fl-ismijiet premessi.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn espona illi:

Illi huwa gie notifikat nhar it-12 ta' Dicembru 2006, b'rikors apprezentat nhar it-30 ta' Novembru 2005, fejn l-intimat qieghed jikkontesta l-ammont mitlub mill-esponenti;

Illi l-ammont kif pretiz mill-esponenti, ai termini l-ittra gudizzjarja tal-21 ta' Novembru 2006, huwa kollu dovut kif ser jirrizulta waqt il-provi, ghalhekk il-pretensjonijiet tal-intimat huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex tilqa' t-talba tal-intimat, u ghalhekk tikkundannah ihallas l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent Ray Agius kien jikri minghand id-Dipartiment tal-Artijiet il-hanut 121, Old Theatre Street, Valletta bl-ahhar pagament tal-kera maghmul fis-7 ta' Mejju 1997 (fol 31). Minn dak iz-zmien jidher illi ma sar ebda hlas u saru diversi ittri ufficjali, l-ahhar wahda fil-21 ta' Novembru 2006 skond id-dispost ta' l-artikolu 466 tal-Kodici tal-

Procedura Civili. Peress illi b'dik l-ittra t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet saret ezekuttiva Ray Agius talab lil din il-Qorti permezz tar-rikors odjern sabiex it-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet ma tigix milqugha ghaliex hija preskritta skond l-artikolu 2156(C) tal-Kodici Civili li jippreskrivi terminu ta' hames snin. Qal ukoll illi ma kienx jokkupa l-art inkwistjoni fiz-zmien mitlub.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi r-rikorrent Agius ma jinnegax illi fiz-zmien huwa kien jokkupa l-hanut 121, Old Theatre Street, Valletta jidher illi kien hemm zmien meta kien ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji. Tant illi permezz ta' ittra datata 30 ta' Settembru 1996 Dokument F (Fol 222) kien talab lill-Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jaghtih aktar zmien halli jkun jista' jhallas. Din l-ittra giet konfermata mill-attur quddiem din il-Qorti (fol 14).

Irrizulta mill-provi illi l-ahhar pagament li ghamel ir-rikorrent kien fis-7 ta' Mejju 1997. Minn hemmhekk ma hallas xejn iktar. Saret ittra ufficjali fl-24 ta' Gunju 1999 illi baqghet mhux notifikata u ittra ufficjali ohra fit-13 ta' Frar 2001 illi taghha m'hemm l-ebda prova illi giet notifikata lir-rikorrent. Ghalhekk l-unika att gudizzjarju illi gie notifikat lir-rikorrent u li nterrompa l-preskrizzjoni hija l-ittra ufficjali tal-21 ta' Novembru 2006. Il-Kummissarju ntimat argumenta illi l-konfermazzjoni tar-rikorrent ta' l-ittra tat-30 ta' Novembru 1996 nterrompiet il-preskrizzjoni.

Bir-rispett il-Qorti ma jidhirliex illi tali konferma hija ammissjoni ta' xi debitu illi r-rikorrent ghandu lejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet. F'xhieda illi Agius ta quddiem din il-Qorti, kullma kkonferma biss huwa kien kiteb l-ittra ta' Settembru 1996 u li gharaf il-firma tieghu imma mhuwiex qieghed jaghmel tieghu llum il-kontenut ta' dik l-ittra. Il-fatt li kkonferma l-ittra li kien kiteb fil-1996 ma tistax titqies bhala nterruzzjoni kif trid il-ligi. L-interruzzjoni tavvera ruhha biss jekk id-debitur jirrikonoxxi d-debitu jew jaghmel pagament. Fl-ebda hin quddiem il-Qorti ir-rikorrent Agius ma kkonferma d-debitu li ghandu favur il-Kummissarju ta' l-Artijiet u ghalhekk il-perjodi illi jridu jigu

kkunsidrati quddiem il-Qorti huma l-pagament li ghamel ir-rikorrent f'Mejju 1997 u l-ittra ufficjali tal-21 ta' Novembru 2006. Bejn dawn iz-zewg perjodi t-terminu msemmi fl-artikolu 2156(C) tal-Kodici Civili skada u issa l-Kummissarju ta' l-Artijiet ma jistax jistitwixxi azzjoni sabiex jirkupra dak id-dejn li ghandu ma' Ray Agius.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tar-rikorrent Ray Agius u tiddikjara t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet kif tenuta fl-ittra ufficjali numru 9317/06 tal-21 ta' Novembru 2006 preskritta.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------